# Dikjarazzjoni Ġuramentata dwar id-Disponibbiltà tal-Art għall-Bidwi

Illum, jien (Isem u Kunjom), ____________________________________________

ID_____________ fi _____________, ta' ____________, 20___________

**Niddikjara li:**

Qiegħed naħdem l-art irreġistrata fis-sistema IACS u magħrufa bin-numru/numri:

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

Hekk kif anness fil-pjanta / pjanti fl-**Anness A.**

**Niddikjara ukoll li:**

- Għandi dritt validu li jippermettili li naħdem din ir-raba'.
- Għandi l-ġestjoni tal-ħidma ta' din l-art agrikola.
- Nokkupa l-art agrikola bi dritt validu, għax: (Agħżel risposta **waħda biss**);

☐ **(i)** Jien is-sid u l-bidwi u qed nipprovdi: ***(S)***

☐ *Kuntratt jew* ☐ *Testment jew* ☐ *Oħrajn [speċifika]* ______________________

**(ii)** Jien il-gabillott u għandi qbiela favurija tal:

☐ *tal-Privat, u qed nipprovdi l-irċevuta tal-qbiela* ***(P)***
☐ *tal-Gvern, u qed nipprovdi l-irċevuta tal-qbiela* ***(G)***
☐ *tal-Knisja, u qed nipprovdi l-irċevuta tal-qbiela* ***(M)***
☐ *Oħrajn* __________

☐ **(iii)** Għandi ċens biex naħdem l-art u qed nippreżenta l'anness ma dan il-ġurament bħala prova ***(Ċ)***

☐ **(iv)** Għandi kommodat biex naħdem l-art u qed nipprovdi ġurament permezz ta' Anness B1 skont il-kas ***(K)***

☐ **(v)** Naħdem l-art b'titolu prekarju u qed nipprovdi ġurament permezz ta' Anness B1***(T)***

☐ **(vi)** Ghandi tip ta dritt ieħor kif deskritt hawn taħt u li qed nippreżenta Anness B1 jew B2 jew l'anness ma dan il-ġurament bħala prova. ***(O)***

- Niddikjara li jiena konxju/a tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 639.13) kif fis-seħħ minn żmien għal żmien, li fost l-oħrajn jobbligaw li l-art agrikola kollha tiġi rreġistrata fir-reġistru nazzjonali tal-art agrikola miżmum mill-Ministeru responsabbli mill-agrikoltura. Nifhem u nirrikonoxxi li, minkejja din id-dikjarazzjoni jew kwalunkwe reġistrazzjoni mwettqa għal skopijiet ta' sussidji jew użu agrikolu, l-obbligu li l-art tiġi rreġistrata skont l-imsemmi Regolament jibqa' japplika.

- Nobbliga ruħi li ninforma lid-Direttorat meta d-dritt tiegħi jispiċċa u jekk dan iseħħ nobbliga ruħi li nagħti lura l-fondi li rċevejt minn meta dak id-dritt ikun spiċċa.

- Nobbliga ruħi li nindenizza lid-Direttorat f'każ li xi ħadd iressaq xi talba kontriha jew jippretendi xi dritt, inkluż dritt għad-danni, minħabba r-reġistrazzjoni li tlabt li ssir favurija jew li qiegħed inżomm reġistrata favurija mad-Direttorat.

- Niddikjara li m'hemm ebda proċedimenti pendenti fil-Qorti jew ma' kwalunkwè awtorità ġudizzjarja oħra dwar l-għalqa/għelieqi murija f'din id-dikjarazzjoni, inklużi iżda mhux limitati għal proċeduri mibdija fuq il-bażi ta' talbiet li għamilt jew li oħrajn setgħu għamlu, u kif jista' jirrelata ma' din id-dikjarazzjoni b'mod li jista' jinfluwenzaha, u partikolarment qed niddikjara wkoll li m'hemm l-ebda proċediment li jaffettwa min jaħdem jew għandu t-tmexxija tal-għalqa/għelieqi u x-xogħol u t-tmexxija tagħhom.

Il-dikjarant hu konxju li din id-dikjarazzjoni qed issir taħt ġurament u li kwalunkwe dikjarazzjoni falza, mhux korretta jew qarrieqa magħmula hawnhekk tikkostitwixxi reat ta' sperġur u/jew dikjarazzjoni falza skont il-Kodiċi Kriminali ta' Malta, u tista' twassal għal prosekuzzjoni kriminali kif ukoll għal passi legali ulterjuri kontra d-dikjarant

Din il-formola u kull att amministrattiv dwarha mwettaq mid-Direttorat tal-Agrikoltura la jirrikonoxxu u lanqas jagħtu xi dritt li jkun fuq l-art rilevanti u hija bla ħsara għad-drittijiet ta' terzi.

# Dan il-Ġurament ġie ffirmat

____________________, ta' __________________, 20_______________
*[jum]* *[xahar]* *[sena]*

| | |
|---|---|
| Isem u Kunjom tal-Bidwi | |
| Numru tal-Karta tal-Identita` tal-Bidwi | |
| Firma tal-Bidwi | |

| Timbru u firma tal-Kummissarju tal-Ġuramenti f'din il-kaxxa biss. |
|---|
| |

# Politika dwar il-Protezzjoni tad-Data

Id-Direttorat tal-Agrikoltura jwettaq il-funzjonijiet tiegħu skont il-liġijiet applikabbli u kif ukoll skont l-aħjar prassi.

A tenur tal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (iktar il- quddiem ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jew "Ir-Regolament"), id-Direttorat qiegħed hawn jipprovdilek din l-informazzjoni sussegwenti:

- Il-"Kontrollur" huwa d-Dipartiment għall-Affarijiet Rurali u dan jista' jiġi kkuntattjata ġewwa ċ-Ċentru ta' Riċerka u Innovazzjoni fl-Agrikoltura, Għammieri, Marsa, Malta jew permezz tal-indirizz tal-posta elettronika saviour.debono-grech@gov.mt;
- L-Uffiċjal tal-protezzjoni tad-data jista' jiġi kkuntatjat ġewwa d-Dipartiment għall-Affarijiet Rurali, ċ-Ċentru ta' Riċerka u Innovazzjoni fl-Agrikoltura, Għammieri, Marsa, Malta jew permezz tal-indirizz tal-posta elettronika dataprotectionrad.mafa@gov.mt;
- L-għan tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek huwa li jiġu implimentati l-miżuri taħt il- Politika Agrikola Komuni skont it-Titlu III tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-liġijiet Ewropej u nazzjonali relatati, politiki aktar speċifiċi huma dependenti fuq il-miżuri kkonċernati u jistgħu jiġu stipulati iktar l'isfel f'dan id-dokument;
- **Salv f'każijiet ta' kontestazzjoni fejn fihom id-data personali tiegħek tista' tiġi mgħoddija lill-kontestanti l-oħra,** ir-reċipjent tad-data personali tiegħek huwa d-Direttorat tal-Agrikoltura fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, u d-Drittijiet tal-Annimali. Il-kategorija ta' reċipjenti tad-data personali tiegħek huma awtoritajiet pubbliċi li jinkludu wkoll istituzzjonijiet, entitajiet, uffiċini u aġenziji tal-Unjoni;
- Id-Data Personali tiegħek ser tinżamm għall-perjodu massimu illi tirrikjedi jew tippermetti l- liġi biex jiġu sodisfatti l-għanijiet iddikjarati u kwalunkwe obbligu legali u, jew talbiet li jistgħu jiġu mir-relazzjoni tiegħek mad-Direttorat.

Id-drittijiet tiegħek bħala suġġett tad-data b'rabta mal-ipproċessar tad-data personali tiegħek huma:

- Id-dritt li tirċievi kopja tad-data personali tiegħek li tkun qed tiġi pproċessata, inkluża informazzjoni relatata mal-attivitajiet tal-ipproċessar.
- Id-dritt li titlobna nirrettifikaw id-data personali li taħseb li mhijiex tajba. Għandek ukoll id- dritt li tikseb il-kompletezza tad-data personali li taħseb li mhix kompluta.
- Id-dritt li titlob it-tħassir tad-data personali tiegħek f'ċerti ċirkostanzi.
- Id-dritt li titlob ir-restrizzjoni tad-data personali tiegħek f'ċerti ċirkostanzi.
- Id-dritt għall-portabbiltà tad-data personali tiegħek fir-rigward tal-informazzjoni li tajtna.
- Id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-data personali tiegħek jekk qed nipproċessaw l- informazzjoni tiegħek abbażi tal-kompiti pubbliċi tagħna jew għax huwa fl-interessi leġittimi tagħna.
- Id-dritt li wieħed ma jkunx soġġett għal deċiżjoni bbażata biss fuq ipproċessar awtomatizzat inkluż it-tfassil ta' profili.
- Id-dritt li tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin, fejn applikabbli.

It-talbiet biex teżerċita d-drittijiet tiegħek huma bla ħlas u preferibbilment għandhom isiru bil- miktub u jintbagħtu lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tad-Dipartiment għall-Affarijiet Rurali. Id-dettalji ta' identifikazzjoni tiegħek bħan-numru tal-ID, l-isem u l-kunjom iridu jiġu sottomessi mat-talba għall-fini tal-verifika tal-identità tiegħek. F'każ li l-kontrollur ikollu dubji raġonevoli dwar l-identità tiegħek, tista' tintalab tipprovdi informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tikkonfermaha.

Id-Dipartiment għall-Affarijiet Rurali għandu l-għan li jwieġeb it-talba malajr kemm jista' jkun bl-obbligu li ma jkunx hemm dewmien żejjed u li jwieġeb mhux aktar tard minn xahar (1) minn meta jirċievi t-talba.

Id-dritt eżerċitat mis-suġġett tad-data jista' jkun limitat jew ristrett, fejn meħtieġ, skont il-liġi applikabbli.

Id-data personali illi inti qiegħed tipprovdi lilna hija rekwiżit kuntrattwali u, jew legali relatata mad-drittijiet u l-obbligi tiegħek fir-rigward tad-Direttorat u r-responsabbiltajiet tiegħu.

Meta tissottometti din l-applikazzjoni/talba inti qiegħed tiddikkjara illi tifhem u taċċetta li d-Direttorat se jipproċessa data personali relatata miegħek għall-għan speċifiku illi tiġi pproċessata din l-applikazzjoni/talba, skont il-liġi. Sabiex l-applikazzjoni/talba tiegħek tiġi pproċessata, għandek tipprovdi d-data personali tiegħek għall-għanijiet iddikjarati u għal kwalunkwe għan raġonevoli u, jew legalment neċessarju biex jiġu sodisfatti l-għanijiet imsemmija. In-nuqqas milli tipprovdi din id-data jista' jirriżulta fl-impossibbiltà tal-ipproċessar tal-applikazzjoni/talba tiegħek, mingħajr preġudizzju għall-konsegwenza oħra skont il-liġi.

L-ipproċessar tad-data personali se titwettaq skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data.

# ANNESS A

## Pjanta/Pjanti tal-art maħruġa mill-IACS

# ANNESS B1 - Dikjarazzjoni Ġuramentata dwar il-Permess mid-Detentur tat-Titolu

Illum, jien (Isem u Kunjom), ________________________________________________

ID______________ fi ______________, ta' _____________, 20___________

**Niddikjara li:**

Qiegħed naħdem l-art irreġistrata fis-sistema IACS u magħrufa bin-numru/numri:

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

u dan qed isir bil-permess tad-detentur legali tat-titolu, li hu/hi

________________________________________________________________________________

*Isem u Kunjom tad-Detentur tat-Titolu:,*

Din id-dikjarazzjoni qed issir minħabba li l-imsemmi permess ingħata permezz ta' ftehim verbali u għaldaqstant ma teżisti l-ebda prova bil-miktub jew dokumentazzjoni oħra li tista' tiġi prodotta sabiex tixhed jew tikkonferma dan il-permess.

Il-dikjarant hu konxju li din id-dikjarazzjoni qed issir taħt ġurament u li kwalunkwe dikjarazzjoni falza, mhux korretta jew qarrieqa magħmula hawnhekk tikkostitwixxi reat ta' sperġur u/jew dikjarazzjoni falza skont il-Kodiċi Kriminali ta' Malta, u tista' twassal għal prosekuzzjoni kriminali kif ukoll għal passi legali ulterjuri kontra d-dikjarant.

## Dan il-Ġurament ġie ffirmat

____________________, ta' ___________________, 20_______________
*[jum]* *[xahar]* *[sena]*

| | |
|---|---|
| Isem u Kunjom tal-Bidwi | |
| Numru tal-Karta tal-Identita` tal-Bidwi | |
| Firma tal-Bidwi | |

| Timbru u firma tal-Kummissarju tal-Ġuramenti f'din il-kaxxa biss. |
|---|
| |

# ANNESS B2 - Dikjarazzjoni Ġuramentata dwar l-Okkupazzjoni u n-Nuqqas ta' Dokumentazzjoni tat-Titolu

Illum, jien (Isem u Kunjom), ______________________________________________

ID______________ fi ______________, ta' _____________, 20____________

**Niddikjara li:**

Qiegħed naħdem l-art irreġistrata fis-sistema IACS u magħrufa bin-numru/numri:

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

Niddikjara li l-art imsemmija ġiet mgħoddija lili permezz ta' użu u pussess kontinwu fil-familja tiegħi tul diversi ġenerazzjonijiet.Niddikjara wkoll li m' għandi l-ebda dokumentazzjoni legali li tipprova jew tixhed li jien id-detentur legali tat-titolu tal-imsemmija art, peress li l-imsemmi pussess u okkupazzjoni ma ġewx formalizzati b'att legali jew dokument bil-miktub tul iż-żmien.

Din id-dikjarazzjoni qed issir sabiex tispjega u tikkjarifika n-nuqqas ta' dokumentazzjoni formali fir-rigward tat-titolu tal-art imsemmija.

Il-dikjarant hu konxju li din id-dikjarazzjoni qed issir taħt ġurament u li kwalunkwe dikjarazzjoni falza, mhux korretta jew qarrieqa magħmula hawnhekk tikkostitwixxi reat ta' sperġur u/jew dikjarazzjoni falza skont il-Kodiċi Kriminali ta' Malta, u tista' twassal għal prosekuzzjoni kriminali kif ukoll għal passi legali ulterjuri kontra d-dikjarant.

## Dan il-Ġurament ġie ffirmat

____________________, ta' __________________, 20_______________
*[jum]* *[xahar]* *[sena]*

| | |
|---|---|
| Isem u Kunjom tal-Bidwi | |
| Numru tal-Karta tal-Identita` tal-Bidwi | |
| Firma tal-Bidwi | |

| Timbru u firma tal-Kummissarju tal-Ġuramenti f'din il-kaxxa biss. |
|---|
| |